# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dorianne Tabone)**

**vs**

**Isaac Bezzina**

**Kumpilazzjoni Numru: 112/2025**

**Illum, 27 ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi miġjuba kontra Isaac Bezzina detentur tal-karta tal-identità bin-numru 275084M akkużat talli bejn ix-xahar ta' Mejju 2023 u Ġunju 2023 ġewwa 35, Triq San Franġisk, Marsa, u f'diversi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1) Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil -Omissis-, detentriċi tal-karta ta' l-identità -Omissis-,

   Artikolu 251A(1)(a), u Artikolu 251H(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2) Ġab ruħu b'mod li kien jaf jew kien missu kien jaf li dan kien ta fastidju għal -Omissis-, detentriċi tal-karta ta' l-identità -Omissis-,

   Artikolu 251A(1)(b), u Artikolu 251H(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, issoġġetta lil -Omissis-, detentriċi tal-karta ta' l-identità -Omissis-, għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degredanti, u, jew intimidatorji lejha.

Artikolu 251A(1)(e) u Artikolu 251H(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli indikati 251A(1)(a), 251H(d), 251A(1)(b), 251H(d) u 251A(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni tal-akkużi kif dedotti kontrih u wkoll reġà kkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li ngħata żmien raġonevoli sabiex jaħsibha;

Stante ammissjoni bikrija tal-akkużi kif dedotti kontra tiegħu u stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) akkużi kollha huma assorbiti fl-ewwel (1) akkuża tikkundanna l-imputat Isaac Bezzina ghal multa ta' ħamest elef ewro (€5,000).

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**